MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 480/2007

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attriċi preżentat fil-15 ta' Frar 2013 fejn talbet li t-talba għal separazzjoni personali tiġi kkunsidrata bħala talba għal divorzju skond l-artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili;

Rat illi fir-risposta tiegħu l-konvenut irrimetta ruħu għat-talba;

Illi in vista ta' dan kif ukoll tal-fatt li ma hemmx dubju illi mill-atti tal-kawża r-rekwiżiti skond l-artikolu 66F imsemmi jirrikorru kollha;

**DEĊIŻJONI**
**Għaldaqstant il-Qorti tilqa’ t-talba kontenuta fir-rikors imsemmi u tordna li l-ewwel talba tal-attriċi u ċjoe’ t-talba tagħha biex il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet titqies bħala talba għal divorzju skond l-artikolu 66F fuq imsemmi. Naturalment ir-raġunijiet dwar il-mertu tat-talba jibqgħu mpreġudikati u jiġu deċiżi mas-sentenza finali.**

**Spejjeż ta’ din is-sentenza jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------